**3 ta' Frar**

**Tifkira ta'**

S. ANSGARJU, ISQOF

Twieled fi Franza fil-bidu tas-seklu 9 u tgħallem fil-monasteru ta' Corbie. Fis-sena 826 mar id-Danimarka biex ixandar il-fidi, iżda ftit laqgħu l-kelma tiegħu; tela' l-Isvezja, u hawn mar aħjar. Girgor IV wettaq il-ħatra tiegħu bħala isqof ta' Hamburg, u għamlu wkoll legat tiegħu fid-Danimarka u l-Isvezja. Għadda minn ħafna taħbit għax-xandir ta' l-Evanġelju, imma b'qalb qawwija għeleb kull twegħir. Miet fis-sena 865.

Mill-Komun tar-rgħajja ta' l-erwieħ...

Talba

O Alla, int bgħatt lill-isqof Sant' Ansgarju biex iwassal id-dawl tiegħek lil bosta ġnus; agħtina l-għajnuna tat-talb tiegħu, ħalli nimxu dejjem 'il quddiem fid-dawl tal-verita' tiegħek. B'Ibnek.